**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 207/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 26.**

**Clinton Debono (K.I.422082M) ezercenti l-kummerc bhala**

**C & G Street Decorations**

**49, Madrab Flats, Flat 1,**

**Gazzija Street,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Kazin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own (VO 0563)**

**11, Valley Road,**

**Birkirkara**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attur tat-18 ta' April, 2017 li permezz tieghu l-attur talab minghand il-kazin konvenut is-somma ta' elfejn sitt mija u sittin ewro (€2,660) ta' xoghoijiet ta' dawl tat-toroq ghal festa ta' Santa Croce fit-03 ta' Mejju u fil-festa ta' Sant Elena fit-18 ta' Awwissu, 2015 fuq inkarigu tal-istess Kazin tal-Banda.

Illi fir-risposta tieghu fol 7 l-Kazin konvenut eccepixxa li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-ispejjez relattivi tal-armar tal-festa ta' Santu Croce fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) thallsu; u fit-tieni lok l-ispejjez relattivi ghall-armar tal-festa ta' Santa Liena m'humiex dovuti lanqas u dana stante li x-xoghol li sar mill-attur li f'dak l-perjodu kien membru tal-kumitat zghazagh, sar pro bono bil-patt u l-kundizzjoni li l-membri l-ohra jghinuh jarma kif fil-fatt sar.

L-attur pprezenta l-fattura ghall-ammont ta' elfejn ewro (€2,000), fattura ohra fl-ammont ta' sitt mija u sittin ewro (€660) u l-ittra legali li baghat lit-Tezorier tal-Kazin konvenut (fol 11 et).

A fol 20 l-attur xehed li huwa ghamel xi xoghol lil Kazin konvenut u tali xoghol armar ta' dawl tal-Wied ta' Birkirkara faccata tal-istess Kazin. Tali xoghol huwa ghamlu fis-sena 2015 ghal festa ta' Santa Liena u mhux ghal festa ta' Santu Kruc. Kien inkariga l-kaxxier Mario Meli biex jaghtih stima u hekk ghamel u wara xi tlett gimghat huwa qallu li jista jibda. L-istima kien tahielu f'Jannar, 2015 u rega tahielhom wara. Izda meta huwa ghaddielhom l-invoices li esebixxa baqa' ma thallasx u ghalhekk ikkonsulta mal-avukat.

Meta gie muri r-risposta tal-kazin a fol 8 li tghid li huwa thallas tax-xoghol li ghamel ghal festa ta' Santu Kruc huma naqsulu sitt mitt ewro (€600) u taw cheque ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435). Huwa jammetti li thallas ghax-xogholijiet ta' Santa Kruc izda c-cekk ma sarfux fuq parir tal-avukat tieghu ghax rieduh ghas-saldu. Huwa jaqbel mal-ammont li naqsulu ghar-rigward ix-xogholijiet li ghamel ghal festa ta' Santu Kruc. Wara l-attur xehed a fol 23 li huwa ma jaqbilx li kellhom inaqqsu s-somma ta' mija u hamsa u sittin ewro (€165) tar-reklami. Ghalhekk huwa ghandu jiehu sitt mija u sittin ewro (€660) ghax-xogholijiet li ghamel ghal festa ta' Santu Kruc u elfejn ewro (€2,000) ghax-xogholijiet li ghamel ghal Santa Liena.

In kontro ezami a fol 32 et l-attur xehed li huwa qed jitlob hlas ta' elfejn sitt mija u sittin ewro (€2,660) izda l-invoices li pprezenta ma jaqbilx li jammontaw ghal elfejn u sitt mitt ewro (€2,600). Huwa kkonferma li mis-sitt mitt ewro (€600) tal-festa ta' Santu Kruc kien hemm ammont li kellu jitnaqqas ghal reklamar. Huwa kkonferma li kien ircieva cekk minghand l-kazin dwar dan ix-xoghol. Fis-sena elfejn u erbatax (2014) huwa kien fil-Kumitat taz-Zghazagh u li t-Tezorier Mario Meli jigi oht il-mara tieghu. Huwa kien ghaddielu l-istima minghajr ma taw rendikont ta' dawn l-ispejjez. Dwar ix-

xogholijiet li saru ghal festa ta' Santa Kruc l-attur qabel li ghal bidu l-istima kienet ta' mitejn u hamsin ewro (€250) izda dan kien ghax kellhom imorru jghinuh il-Kumitat taz-Zghazagh. Kien hemm xi argumenti fuq xi affarijiet tal-kazin u lil Matthew qallu li mhux ser jarma imbaghad fil-karozza lil Matthew qallu li jekk ma jhallsuhx sitt mitt ewro (€600) tax-xoghol huwa ma kienx ser jarma.

In ri ezami meta mistoqsi kif wasal ghas-somma ta' sitt mija u sittin ewro (€660) ghal xogholijiet ta' Santu Kruc huwa spjega li is-sittin ewro (€60) kienu ghal kirja ta' highup li huwa ghandu u li fuq is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) kien hemm qbil. Huwa kkonferma li x-xoghol dejjem thallas tieghu mill-Kazin konvenut anke meta ma kienx fil-Kumitat taz-Zghazagh. Li l-ewwel invoice li ntbaghtet kienet dik tal-11 ta' Mejju, 2016 fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) a fol 37.

Mario Meli a fol 26 fl-affidavit xehed li huwa kien Tezorier tal-kazin konvenut min-nofs id-disghinijiet tas-sena elfejn u sittax (2016). Huwa xehed li l-attur ilu snin twal jigi mqabbad mill-kazin bhala l-kuntrattur biex jiehu hsieb l-armar tad-dawl ghal festa ta' Santa Liena u jithallas ta' xogholu. Huwa jikkonferma li ghal festa ta' Santa Liena tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-attur kien tahhom stima ta' elfejn ewro (€2,000) u l-kumitat kollu kien qabel ma' din l-istima u accettaha u nkariga bhas-soltu lill-attur biex jaghmel armar tad-dawl fuq dik l-istima. Kemm dam hu fil-Kumitat qatt ma kien hemm xi diskors li l-attur ma kienx ser jithallas ta' xogholu. Dwar l-armar tad-dawl tal-festa ta' Santu Kruc tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa xehed li l-Kazin adotta l-istess procedura u li sa fejn jaf hu l-Kazin kien diga accetta li jhallas dan l-ammont.

Carmelo Meli a fol 27 fl-affidavit tieghu xehed u kkonferma dak li xehed Mario Meli, u l-istess ghamel Philip Scerri a fol 28.

A fol 29 xehed David Gafa li fiz-zmien tal-festi huwa jaghmel xoghol ta' electrician ma' Clinton Debono. Huwa kien inkarigat mill-attur sabiex imur jghinu fl-armar tad-dawl ghal festa ta' Santa Liena tas-sena elfejn u hmistax (2015). Huwa kien jaghmel dan bhala xoghol u mhux bhala volontier. Huwa jaf li l-attur kellu jithallas tax-xoghol li ghamlu u kieku kien jaf li mhux ser jithallas ma kienx imur joqghod jiehu l-izbriga. Dwar il-festa ta' Santu Kruc tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa xehed li din mhux festa li s-soltu jintrema dawl ghaliha izda din kienet okkazzjoni specjali. L-attur kien hallsu ghal

dan ix-xoghol u jaf li l-attur kellu jithallas ghal dan ix-xoghol ghax kieku ma kienx imur jaghmel dan ix-xoghol bla hlas.

A fol 30 xehed Jonathan Montebello li jahdem part time mal-attur u spjega x-xogholijiet li saru ghal festa ta' Santa Liena u ta' Santu Kruc u li thallas biss tax-xogholijiet li saru ghal Santu Kruc. Huwa kkonferma li l-attur dejjem jithallas tax-xoghol tal-armar tad-dawl u lilu l-attur dejjem hallsu tax-xoghol li ghamillu.

Il-kazin konvenut a fol 40 ipprezenta l-affidavit ta' John Anthony Zammit li dak iz-zmien kien Segretarju tal-Kumitat Centrali tal-Kazin konvenut. Mario Meli ghamel xi ghoxrin (20) sena kaxxier tal-Kazin u l-Kumitat talbu rendikont tad-dejn li kellu l-kazin u tali rendikont huwa pprezentah fil-laqgha tal-01 ta' Gunju, 2016 u nforma lil Kumitat li kien ser jirrizenja mill-Kumitat u dan gara qabel il-festa tas-sena elfejn u sittax (2016) cioe' fit-28 ta' Lulju, 2016. Fost il-flus kontanti u d-dokumenti li ghadda Meli kien hemm l-invoice ta' elfejn ewro (€2,000) minghand C & G Street Lights Decorations li la kienet iffirmata u lanqas ma kellha data fuqha u kienet tghid 'lighting works.' U kien hemm invoice ohra ta' sitt mitt ewro (€600) ghal xoghol li sar ghal festa ta' Santa Kruc.

Mill-accounts irrizulta li sar hlas lill-attur ta' erba' mija u tletin ewro (€430) ghal kiri ta' high up li ntuza ghal festa ta' Santa Elena elfejn u hmistax (2015). Din l-invoice hija mahruga minn C & G Street Lights Decorations datata 11 ta' Marzu, 2016 liema data giet maqtuha u saret 31 ta' Jannar, 2015 u skont hu din l-alterazzjoni ghamilha Meli. Skont hu dan juri kemm l-affarijiet ma kienux isiru sew ghax ma jistax ikun li fil-31 ta' Jannar, 2016 kien hemm invoice datata 11 ta' Marzu, 2016 u l-invoice ma kienetx iffirmata. L-invoices tal-attur isiru minn ohtu li tigi l-mara ta' Meli. Meta huwa ra l-minuti tal-Kumitat Centrali ghas-sena elfejn u hmistax (2015) ma kien hemm ebda minuta f'ebda seduta li giet accettata l-istima tal-attur ghal festa ta' Santa Elena tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Rigward il-festa ta' Santu Kruc tas-sena elfejn u sittax (2016) Matthew Bonnici li huwa d-Direttur tal-armar kien informa lil Kumitat Centrali li l-attur kien qed jitlob l-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) u l-Kumitat accetta din l-istima. Kien hemm wara li thabbar min kellu jerga jerfa l-vara ta' Sant Elena li l-attur gholla l-istima tieghu ghal sitt mitt ewro (€600). Skont ix-xhud wisq probabli dan gara ghax Gafa li jahdem mal-attur

ma kienx maghmul biex jerfa. Billi kienet qorbot id-data tal-festa ta' Santa Kruc il-Kumitat iddecieda li jaccetta l-istima l-gdida.

Zammit pprezenta l-minuti tal-laqgha tal-01 ta' Gunju, 2016 a fol 42 et u a fol 44 huwa pprezenta l-invoice ta' erba' mija u tletin ewro (€430) li xehed dwarha bid-data maqtugha u mibdula u l-ammont kien ta' erba' mija u tletin ewro (€430).

In kontro-ezami fol 52 et Zammit xehed li dak kollu li qal fl-affidavit huwa dak li rrizultalu mid-dokumenti. Huwa cahad li Meli kien tkecca izda li kien irrizenja u ma hallasx il-membership. Ma jirrizultax li sas-sena elfejn u hmistax (2015) l-armar tad-dawl kien isir mill-attur. Mistoqsi dwar il-minuti tal-laqgha tal-01 ta' Gunju, 2016 esebiti minnu x-xhud wiegeb li meta dawn il-minuti jirreferu ghal dawl b'xejn dan kien jirreferi ghal provista tal-elettriku ghal plancier mhux ghat-triq.

A fol 45 Matthew Bonnici xehed fl-affidavit tieghu li huwa kien Direttur tal-Armar fil-Kumitat taz-Zghazagh tal-Banda tal-Kazin konvenut ghas-snin elfejn u tlettax (2013) sa elfejn u hmistax (2015) filwaqt li l-attur kien membru fl-istess Kumitat. Ghal festa tas-sena elfejn u hmistax (2015) mar fuqu l-attur u talbu biex jghaqqad grupp ta' membri u partitarji sabiex jghinuh fl-armar tad-dawl tat-toroq u hekk ghamel. L-attur ma riedx hlas ghajr l-ispejjez tad-diesel, tal-kiri tal-high up u l-hlas ta' xi lavranti jekk ikun hemm il-htiega ghax-xoghol taghhom. Huwa qabel ma' din il-proposta u ressaqha quddiem il-Kumitat fejn giet accetata. L-attur kien prezenta ghal dik l-laqgha. Huwa nforma lil Mario Meli b'dan l-arrangament li kien diga jaf b'dan l-arrangament. Ix-xoghol tal-armar sar mill-attur u kien mghejjun minn diversi zghazagh u semmihom fl-affidavit tieghu. Huwa jammetti li kien hemm okkazzjonijiet fejn gew jahdmu wkoll l-lavranti tal-attur David Gafa u Montebello.

Fi Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) u wara hafna pressjoni fuq l-kaxxier Mario Meli huwa ghaddielhom rendikont tad-dejn li kellu l-kazin fis-seduta tal-01 ta' Gunju, 2016. F'dan ir-rendikont kien hemm ammont ta' tlett elef mitejn u erbghun ewro (€3,240) dovut lill-attur u peress li wara l-festa tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-attur ghamel xi xoghol iehor ghal festa ta' Santu Kruc tas-sena elfejn u sittax (2016) kienu ftehmu li kellu jithallas sitt mitt ewro (€600). Fil-bidu l-attur talabhom mitejn u hamsin ewro (€250) ghax-xogholijiet ghal festa ta' Santu Kruc izda wara li l-lavrant tieghu David Gafa ma giex maghzul biex jerfa l-istatwa l-attur gholla l-istima ghal sitt mitt ewro (€600) li l-

kazin kellu jaccetta ghax kienet qorbot il-festa. Sa dak iz-zmien l-attur kien Assistent Kaxxier fil-Kumitat taz-Zghazagh.

A fol 56 in kontro-ezami Bonnici xehed li l-ftehim mal-attur ma kienx bil-miktub meta qallu li sabiex jittaffew l-ispejjez kellu bzonn group ta' zghazagh biex jghinuh. Flus ghall-ispejjez biss issemmghu u x-xoghol sar minnu u membri tal-Kumitat taz-Zghazagh u li x-xoghol l-attur ghamlu bis-sahha taghhom ukoll.

Il-partijiet ghalqu l-provi fis-seduta tal-05 ta' Ottubru, 2018 u trattaw il-kawza fl-istess seduta.

Ikkunsidra

L-attur ghamel xogholijiet ta' dawl fuq inkarigu tal-kazin konvenut ghal festa ta' Sant Elena tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghal festa ta' Santu Kruc tas-sena elfejn u sittax (2016). Din ma kienetx l-ewwel darba li huwa gie inkarigat mil-kazin konvenut u li dejjem thallas ta' xogholu. Mill-provi jirrizulta li l-kaxxier tal-kazin Mario Meli jigi hatnu u ghalhekk qatt ma kien hemm problemi. Irrizulta li Meli rrizenja mill-briga ta' kaxxier qabel il-festa ta' Santa Liena fit-28 ta' Lulju, 2016 wara li l-Kazin irrizultatu li kien hemm problemi ta' dejn u fit-12 ta' Awwissu, 2016 Meli ghadda l-flus li kellu fil-pussess tieghu u fid-29 ta' Settembru, 2016 huwa ta handover lil John Anthony Zammit u lil Dominic Azzopardi u fost id-dokumenti li ghaddiehom kien hemm l-invoice ta' elfejn ewro (€2,000) minghand C&G Street Light Decorations li jopera minnha l-attur.

Jirrizulta wkoll li huwa kien membru tal-Kumitat taz-Zghazagh u kellu l-kariga ta' Assistent Kaxxier. Izda meta wiehed minn shabu li jahdmu mieghu certu David Gafa, ma giex elett biex igorr il-vara ta' Santa Liena, l-attur ma baqax fil-Kumitat taz-Zghazagh, huwa qatta l-karti mal-kazin. Huwa jippretenti l-hlas ta' elfejn sitt mija u sittin ewro (€2,660) minghand l-kazin konvenut, elfejn ewro (€2,000) tax-xogholijiet li ghamel ghal festa ta' Sant Elena u sitt mija u sittin ewro (€660) ghal xoghol ghal festa ta' Santu Kruc ghas-sena elfejn u sittax (2016) u kiri ta' high up.

Il-kazin konvenut jammetti li ghandu jaghti lill-attur s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) ghal xogholijiet li saru mill-attur ghal festa ta' Santa Kruc izda mhux ghax-xogholijiet li

saru ghal festa ta' Santa Liena stante li l-ftehim kien li tali xogholijiet jsiru pro bono u jithallas biss tal-ispejjez stante li ghenuh membri ohra tal-kumitat.

Mill-minuti tal-laqghat li saru mil-Kumitat tal-Kazin irrizulta li mill-minuti tal-laqgha tal-Kumitat Centrali tal-01 ta' Gunju, 2016 biss irrizulta li l-kuntrattur tad-dawl ghandu jiehu s-somma ta' tlett elef mitejn u erbghin ewro (€3,240), (minghajr ma l-minuti jsemmi min) fost ammonti dovuti ohra. Il-kazin jghid li kien hallas lill-attur erba' mija u tletin ewro (€430) ghal high up li ntuza ghal festa ta' Santa Elena elfejn u hmistax (2015).

It-Tribunal jibda biex jiddeciedi dwar l-allegat hlas dovut ghal xogholijiet li saru mill-attur ghal festa ta' Santu Kruc. Mill-atti jirrizulta li a fol 13 li l-fattur (bla data u bla numru tal-VAT) hija ta' sitt mija u sitt in ewro (€660) ghax tinkludi sittin ewro (€60) kiri ta' high up. Jirrizulta wkoll li l-attur kien accetta l-hlas ta' sitt mitt ewro (€600) u dan minn l-ittra li huwa baghat lil Kazin fis-07 ta' Dicembru, 2016 permezz tal-avukat tieghu Dr Daniel Buttigieg u anke a fol 37 tal-process li hija invoice li hareg l-attur bin-numru tal-VAT tieghu fuqha datata l-11 ta' Mejju, 2016 fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600). L-istess ittra a fol 9 tghid specifikament li huwa accetta l-hlas ta' sitt mitt ewro (€600) li minnhom tnaqset is-somma ta' mija u hamsa u sittin ewro (€165) xoghol ta' reklamar li ghamel l-kazin ghal konvenut u li l-bilanc ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) li tieghu l-kazin konvenut baghat cekk kien ser jissarraf bla pregudizzju ghal dak dovut ghax-xogholijiet li saru ghal festa ta' Santa Liena.

Veru li imbaghad meta gejna ghal kawza l-attur pprova jikkoncinci lil dan it-Tribunal li huwa ma accetta xejn ghax ic-cekk ma ssarafx u ghalhekk qed jippretendi li jithallas is-somma ta' sitt mija u sittin ewro (€660) izda fol 9 kif korroborata mill-invoice a fol 37, huma provi cari li l-ammont dovut ghax-xogholijiet tieghu ghal festa ta' Santa Kruc hija ta' sitt mitt ewro (€600).

Ghaldaqstant is-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) hija dovuta lill-attur mill-kazin konvenut.

Dwar is-somma ta' elfejn u sittin ewro (€2,060) li l-attur qed jghid li ghandu jiehu ghax-xogholijiet li ghamel ghal festa ta' Santa Liena, 2015, mill-atti jirrizulta li l-provi tal-partijiet huma konfliggenti – l-attur jghid li huwa dejjem thallas ta' xogholu mill-Kazin u

l-Kazin konvenut jghid li dan mhux minnu tant li l-arrangament kien li jghinuh z-zghazagh tal-kazin u l-attur jithallas biss ta' xogholu u li kien biss meta siehbu Gafa' ma ntaghzilx biex jerfa fil-festa ta' Santa Liena li huwa rrizenja mill-kumitat u beda jippretendi hlas ghax-xogholijiet tieghu.

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-Kamp Civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 08 ta' April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-28 t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l- istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa u ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull Tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Illi ghalhekk dan it-Tribunal iqis li s-sekwenza tal-invoices huwa importanti f'dan il-kaz:

Fol 12 fattura prezentata mill-attur ghal xoghol ta' fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) <u>bla data</u> <u>u bla numru ta' vat</u> u tirrigwarda lighting works minghajr ma tissemma l-festa.

Fol 13 fattura ohra ta' sitt mija u sittin ewro (€660) bla data wkoll u li tghid li sitt mitt ewro (€600) huma ghal xoghol tad-dawl ghal festa Santu Kruc 2016 u sittin ewro (€60) ghal kiri tal-High up.

A fol 10 ircevuta datata 12 ta' Awwissu, 2015 rilaxxata mill-attur ghal spejjez ta' reklamar tal-festa.

A fol 44 invoice tal-11 ta' Marzu 2016 maqtugha u bil-kitba d-data giet taqra 31 Jannar, 2016 ghal 'Hire of Hi-up for the feast of St Helen's 2015 fl-ammont ta' erba' mija u tletin ewro (€430) u li fiha anke n-numru tal-VAT tal-attur u li thalset lill-attur.

Fol 37 invoice datata 11 ta' Mejju, 2016 mahruga minn l-attur fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) ghal xogholijiet ta' armar ta' pendenti u reflectors fi Trq il-Wied ghal festa

ta' Santa Kruc liema invoice fiha wkoll in-numru tal-VAT tal-attur, haga li l-invoices hawn fuq imsemmija ma kellhomx.

A fol 42 minuti tal-laqgha tal-1 ta' Gunju, 2016 li jghidu li l-kazin ghandu dejn fost ohrajn ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€3,300) kont tad-dawl.

A fol 8 ittra mibghuta lill-attur mill-avukat tal-kazin konvenut tal-25 ta' Novembru, 2016 li tinforma lill-attur li l-kazin lest ihallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) skont l-fattura tal-11 ta' Mejju, 2016 fir-rigward l-armar tal-festa ta' Santu Croce u ntbaghtlu cekk ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) stante li gew imnaqsa mija u hamsa u sittin ewro (€165) dovuti ghar-reklamar. Izda mhux li l-ispejjez l-ohra huma dovuti.

Fol 14 ittra interpellatorja tal-25 ta' Novembru, 2016 minghand l-avukat tal-attur.

A fol 10 kopja tac-chekk mahrug mill-kazin konvenut favur l-attur fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) datat 02 ta' Dicembru, 2016.

Fol 9 ittra tas-07 ta' Dicembru, 2016 l-avukat tal-attur informa lil avukat tal-konvenut li c-cekk ser jissarraf bla pregudizzju ghal bilanc pendenti u cahad li kien hemm xi ftehim li jahdem b'xejn ix-xogholijiet li ghamel ghal festa ta' Santa Liena.

Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm ix-xoghol sar fis-sena 2015 l-attur dam ma baghat invoice cioe' kont ta' xogholu sal-11 ta' Marzu, 2016 jew 31 ta' Jannar, 2016 ghax l-istess invoice difatti xi hadd kien qata d-data originali u rrangaha. Jirrizulta wkoll minnha li tali kont jirrigward biss spejjez tal-festa u xejn aktar u mahruga bin-numru tal-VAT tal-attur kif del resto suppost li tohrog invoice. Jirrizulta wkoll li ta dan huwa thallas u l-attur accetta dan il-pagament minghajr ebda kondizzjoni cioe' li huwa jithallas ukoll ta' xogholu u dan ovvju ghax huwa invoice ta' xogholu ma harigx lil kazin.

Illi l-invoice li pprezenta l-attur ta' elfejn ewro (€2,000) a fol 12 mill-banda l'ohra ma fihx numru tal-VAT u lanqas data u mill-atti ma jirrizultax li huwa qatt ma baghat din l-invoice lil Kazin jew li l-Kazin irceva din l-invoice.

Hija haga stramba kif l-attur kien baghat invoice biss ghall-ispejjez inkorsi minnu u mhux ukoll ghax-xoghol tieghu meta fil-kaz ta' Santu Kruc huwa hareg invoice ghall-ispejjez u ghax-xogholijiet. Illi ghalhekk dan jikkorobora sew dak li qed jikkonteni l-

kazin konvenut cioe' li l-kazin accetta li jhallas lill-attur ta' xogholu ghal festa ta' Santa Kruc minhabba li meta l-attur talab li jithallas dan kien qrib il-festa u ma setghux jaghmlu mod iehor kif ukoll jikkorobora dak li xehed Matthew Bonnici li l-arrangament mal-attur ghar-rigward il-festa ta' Santa Liena kien li huwa jithallas tal-ispejjez biss u li kienu ser jipprovdulu z-zghazagh biex jghinuh. Veru li x-xhieda imressqa mill-attur xehdu li huma dejjem thallsu ta' xogholhom mill-attur izda dan ma jnaqqas xejn mill-arrangament li kellu l-attur mal-kazin konvenut.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) u jordna lill-kazin konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) u jichadha fil-bqija.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**